RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1801 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0090/2022),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha [1], il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2020 kien ta' EUR 158 619 073, u dan jirrappreżenta żieda ta' 12,00 % meta mqabbel mal-2019; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,44 %, li tirrappreżenta żieda ta' 0,02 % meta mqabbla mal-2019; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 85,09 %, li tindika tnaqqis ta' 1,52 % meta mqabbla mal-2019;

2. Jinnota bi tħassib li l-Aġenzija ħallset 33 % tal-pagamenti tagħha tard u, b'konsegwenza ta' dan, ħallset imgħax li jammonta għal EUR 12 000; jinnota li l-Qorti osservat livelli simili ta' dewmien fl-2019, fl-2018 u fl-2017, u dan jesponi lill-Aġenzija għal riskji finanzjarji u reputazzjonali; ifakkar li r-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jridu jagħmlu l-pagamenti fl-iskedi ta' żmien preskritti, u li l-Qorti tinnota li l-Aġenzija naqset milli tagħmel dan; jinnota li, fit-tweġiba tagħha għall-osservazzjoni tal-Qorti, l-Aġenzija semmiet kwistjonijiet ta' persunal, il-pandemija tal-COVID-19 u ammont pendenti ta' fatturi għas-servizzi tal-ivvjaġġar; jinnota li t-tweġiba tal-Aġenzija ma tindirizzax il-karattru strutturali tal-pagamenti tard u jistieden lill-Aġenzija tirrieżamina l-proċess ta' pagament tagħha biex tidentifika fejn joriġina d-dewmien u żżid l-isforzi tagħha ħalli tagħmel il-pagamenti fit-termini preskritti sabiex telimina dawk id-dgħufijiet;

Prestazzjoni

3. Jissottolinja r-rwol importanti tal-Aġenzija fl-appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali tal-Istati Membri, kif ukoll fil-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, ir-reati kontra l-interess finanzjarju tal-Unjoni u forom serji u organizzati oħra ta' kriminalità madwar l-Unjoni;

4. Jenfasizza l-fatt li l-għadd ta' operazzjonijiet żdied minn 1 921 fl-2019 għal 2 315 fl-2020 (żieda ta' 24 %) u li l-laqgħat operattivi ffinanzjati mill-Aġenzija naqsu minn aktar minn 500 fl-2019 għal 280 fl-2020 (tnaqqis ta' 44 %), u dan jissottolinja l-impatt tal-COVID-19 fuq il-ħidma tal-Aġenzija;

5. Jilqa' l-ħolqien taċ-Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika biex jappoġġja l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali billi jipprovdi assistenza operattiva u strateġika, u l-ħolqien tal-Laboratorju tal-Innovazzjoni tal-Europol;

[1] ĠU C 114, 31.3.2021, p. 158.

6. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u miżuri oħra biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha; jinnota li fl-2020 l-Aġenzija ssimplifikat l-indikaturi fil-programm ta' ħidma tagħha u b'kollox immonitorjat 43 indikatur tal-prestazzjoni korporattiva b'miri individwali stabbiliti għal kull wieħed minnhom, bħall-implimentazzjoni ta' impenji riportati, ir-rati ta' pagament u l-approprjazzjonijiet ta' impenn;

7. Jinnota li l-Aġenzija tistinka favur kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tiggarantixxi l-interessi taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà; jinnota li l-Aġenzija kkollaborat mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) fil-kuntest tal-proġett SIRIUS matul l-2020; jinnota li l-esperti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u tal-isplussivi tal-Aġenzija appoġġjaw b'mod attiv lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) b'diversi modi, bħal permezz ta' konferenzi, seminars, webinars u eżerċizzji oħra; jinnota wkoll li l-Aġenzija ffirmat arranġament ta' ħidma mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fit-8 ta' Ottubru 2020;

8. Jinnota li fit-30 ta' April 2019, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) iddeċieda li jiftaħ inkjesta fuq inizjattiva proprja, wara li l-Aġenzija talbet b'mod proattiv il-gwida tiegħu dwar l-użu mill-Aġenzija tal-analitika tal-big data ("kategorizzazzjoni tas-suġġetti tad-data") għal skopijiet ta' analiżi strateġika u operattiva (każ tal-EDPS 2019-0370); jinnota wkoll li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 ([2]), mill-1 ta' Mejju 2017 l-EDPS għandu l-kompitu li jissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali mill-Aġenzija; jinnota li, fil-kuntest tal-inkjesta tiegħu, l-EDPS widdeb lill-Aġenzija, f'Settembru 2020, fid-dawl tar-riskji għas-suġġetti tad-data minħabba n-nuqqas ta' salvagwardji speċifiċi għall-minimizzazzjoni tad-data għall-analiżi ta' settijiet tad-data kbar; jinnota li l-ħżin kontinwu ta' volumi kbar ta' data bl-ebda kategorizzazzjoni tas-suġġett tad-data, fejn rabta possibbli ma' attività kriminali tista' tiġi stabbilita biss ladarba tibda l-analiżi, jista' jkun ta' riskju għad-drittijiet tal-individwi għall-protezzjoni tad-data; jinnota li l-EDPS kien fi djalogu mal-Aġenzija dwar dik il-kwistjoni, u li l-Aġenzija ħejjiet pjan ta' azzjoni ddedikat; jinnota li l-pjan ta' azzjoni indirizza t-tħassib tal-EDPS fir-rigward tar-rieżami tad-data meħtieġ għall-ħżin ta' kwantitajiet kbar ta' data ta' individwi mingħajr ebda rabta stabbilita ma' attività kriminali, iżda jenfasizza t-tħassib tal-EDPS li l-qafas legali attwali ma fihx perjodu massimu fir-rigward ta' għal kemm żmien l-Aġenzija tista' tipproċessa tali data; jenfasizza li dan ifisser li l-Aġenzija ħażnet ammonti kbar ta' data dwar individwi mingħajr ebda rabta stabbilita ma' attività kriminali u li l-Aġenzija kienet qed iżżomm dik id-data għal aktar żmien milli meħtieġ, u li dan imur kontra l-prinċipji tal-minimizzazzjoni u l-limitazzjoni tal-ħżin tad-data minquxa fir-Regolament (UE) 2016/794; jinnota d-deċiżjoni tal-EDPS tat-3 ta' Jannar 2022, fejn l-Aġenzija ngħatat 12-il xahar biex tipproċedi bit-tħassir tas-settijiet ta' data li kienu nieqsa mill-kategorizzazzjoni tas-suġġetti tad-data miżmuma fil-jum ta' dik id-deċiżjoni u sitt xhur biex tħassar settijiet ta' data ġodda bħal dawn mid-data tal-wasla; jinnota l-impatt li d-deċiżjoni tal-EDPS se jkollha fuq il-kapaċità tal-Aġenzija li tanalizza settijiet ta' data kumplessi u kbar b'appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali li għaddejjin dwar reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Aġenzija, peress li l-appoġġ tal-Aġenzija spiss jinvolvi perjodu itwal minn sitt xhur u l-Aġenzija għandha tikkonforma mad-dritt rilevanti tal-Unjoni f'kull ħin;

9. Jinnota li l-ftehim politiku dwar il-mandat imsaħħaħ tal-Aġenzija li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi fi Frar 2022 jindirizza t-tħassib tal-EDPS billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar u l-perjodi ta' ħżin għal settijiet ta' data kbar u kumplessi; jinnota r-rimarki tal-EDPS li l-leġiżlazzjoni l-ġdida li se tirregola l-Aġenzija tippermetti lill-Aġenzija tipproċessa data mingħajr ebda rabta stabbilita ma' attività kriminali; iqis li, minħabba n-natura kumplessa tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu, l-eċċezzjonijiet debitament ikkunsidrati huma ġġustifikati; jenfasizza li jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn l-operazzjonijiet effettivi tal-pulizija u l-protezzjoni tad-dritt taċ-ċittadini għall-privatezza u li l-ordni mill-EDPS qajmet tħassib dwar jekk l-Aġenzija kinitx qed tilħaq il-bilanċ it-tajjeb; jistieden lill-Aġenzija tqis it-tħassib tal-EDPS billi tagħmel progress rapidu fil-kategorizzazzjoni tas-suġġetti tad-data u tirrispetta l-limiti ta' ħżin stabbiliti legalment, u b'hekk taderixxi mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni u l-limitazzjoni tal-ħżin tad-data, filwaqt li tiżgura u tippreserva l-kapaċità operattiva tal-Aġenzija; jistenna li l-Aġenzija tikkonforma mal-obbligu legali tagħha li tipprovdi informazzjoni annwali lill-Parlament dwar l-għadd ta' każijiet li fihom għamlet użu mill-possibilitajiet legali li tipproċessa d-data tal-individwi mingħajr ebda rabta stabbilita ma' attività kriminali, flimkien ma' informazzjoni dwar it-tul ta' żmien u l-eżitu ta' dak l-ipproċessar;

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Politika dwar il-persunal

10. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2020, kienet ġiet eżegwita 93,50 % tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija, u kienu nħatru 575 aġent temporanju minn total ta' 615-il aġent temporanju awtorizzati fl-ambitu tat-tabella tal-persunal, meta mqabbla ma' 591 post tax-xogħol awtorizzati fl-2019; jinnota li, barra minn hekk, fl-2020, 203 aġent kuntrattwali u 53 esperti nazzjonali sekondati ħadmu għall-Aġenzija, b'235 aġent kuntrattwali u 71 espert nazzjonali sekondat awtorizzati fl-ambitu tat-tabella tal-persunal; jinnota li l-Aġenzija tiddistingwi bejn erba' kategoriji ta' esperti nazzjonali sekondati, bi tliet kategoriji li ma jkollhom l-ebda spiża jew li jkollhom spejjeż limitati għall-baġit tal-Aġenzija u li jirrappreżentaw 53 persuna oħra, biex b'hekk in-numru totali ta' esperti nazzjonali sekondati tela' għal 106;

11. Jissottolinja l-fatt li ż-żieda kontinwa fl-ammont ta' xogħol u fid-domanda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri trid tiġi ssodisfata permezz ta' livelli adegwati ta' persunal; jinnota li t-tabella tal-persunal tal-Aġenzija żdiedet b'14-il pożizzjoni ta' aġent temporanju addizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tidħol fi djalogu attiv mal-Aġenzija sabiex tifhem u tissodisfa l-ħtiġijiet fit-tul ta' riżorsi umani tal-Aġenzija;

12. Jinnota li, b'riżultat ta' pjan ta' azzjoni għall-organizzazzjoni kollha, l-Aġenzija temmet l-2020 b'rata ta' postijiet vakanti ta' 1,0 % meta mqabbla mal-mira annwali ta' rata massima ta' postijiet vakanti ta' 2,0 %; jinnota li l-Aġenzija kisbet ukoll il-mira għar-rata massima ta' dawran tal-impjegati (12 %) b'10,9 % tad-dawran tal-impjegati fi tmiem l-2020; jinnota wkoll li l-Aġenzija timmonitorja regolarment dawk l-indikaturi apparagun tal-miri annwali;

13. Jinnota bi tħassib id-distribuzzjoni tal-ġeneri rrapportata għall-2020 fejn 82,8 % tal-maniġment superjuri u medju kienu rġiel (149 raġel u 31 mara), 79,2 % tal-bord ta' amministrazzjoni kienu rġiel (42 raġel u 11-il mara) u 71,8 % tal-persunal ġenerali kienu rġiel (413-il raġel u 162 mara); jinnota li l-membri tal-bord ta' amministrazzjoni jinħatru mill-awtoritajiet tal-Istati Membri; jirrikonoxxi d-diversità bħala wieħed mill-pilastri strateġiċi tal-Aġenzija; jilqa' l-impenn tal-Aġenzija li ttejjeb id-distribuzzjoni bejn il-ġeneri tal-kompożizzjoni tal-persunal tagħha, speċjalment f'pożizzjonijiet maniġerjali; jinnota ż-żieda fl-2020 tal-għadd ta' membri tal-persunal nisa fil-livell ta' kap ta' unità u f'pożizzjonijiet ekwivalenti jew ogħla; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli din ix-xejra pożittiva, u jitlob lill-Aġenzija tiżgura distribuzzjoni tal-ġeneri aktar ugwali fil-livelli maniġerjali u tal-persunal fil-futur; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu aħjar l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw lill-membri tagħhom għall-bord ta' amministrazzjoni tal-Aġenzija; ifakkar lill-Aġenzija li, fl-għażla tal-kandidati, huma importanti l-kompetenzi, l-għarfien u l-esperjenza, kif ukoll il-bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri fost il-membri tal-persunal;

14. Jinnota li fl-2020 l-Aġenzija rrapportat każ wieħed ta' relazzjoni ta' xogħol kunfliġġenti, li ġie ddeterminat li jikkostitwixxi fastidju psikoloġiku skont l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal; jinnota li l-membru tal-persunal li wettaq il-fastidju psikoloġiku ġie mwissi skont l-Artikolu 9(1)(b) u l-Artikolu 11 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal f'Diċembru 2020; jinnota li, sa dak iż-żmien, dak il-membru tal-persunal kien telaq mill-Aġenzija; jinnota wkoll li ma tressaq l-ebda każ ta' fastidju relatat mal-persunal tal-Aġenzija quddiem qorti fl-2020;

15. Jinnota li l-għadd kumplessiv ta' operazzjonijiet appoġġjati mill-Aġenzija żdied b'24 % fl-2020; jinnota li ż-żieda ġenerali fl-attivitajiet operattivi tal-Aġenzija kienet tikkorrispondi ma' sorveljanza kbira mill-EDPS, kif rifless fl-għadd ta' rakkomandazzjonijiet ipprovduti mill-EDPS f'diversi linji ta' azzjoni bħala riżultat ta' inkjesti, proċeduri ta' konsultazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2016/794 u attivitajiet ta' segwitu għall-ispezzjonijiet;

Akkwist pubbliku

16. Jinnota li l-Aġenzija estendiet id-durata ta' kuntratt qafas wieħed, għall-forniment ta' servizzi tal-ivvjaġġar fuq xogħol, billi ffirmat emenda għall-kuntratt wara li dan kien skada fl-2018; jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet li dik il-prattika kienet irregolari; jinnota li l-Aġenzija ffirmat emenda oħra għal dak l-istess kuntratt fid-29 ta' Marzu 2019, u dan wera dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kuntratti u fil-kontrolli *ex ante*; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li d-deċiżjoni tagħha li testendi l-kuntratt fl-2019 kienet ir-riżultat ta' valutazzjoni bir-reqqa biex tiġi ppreservata l-kontinwità tal-operat u ma kinitx tikkostitwixxi dgħufija fil-kontrolli *ex ante*; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija bdiet awditu intern fir-raba' trimestru tal-2020 bil-għan li tikseb aċċertament addizzjonali dwar l-approċċ tal-Aġenzija għall-ġestjoni tal-kuntratti; jinnota wkoll li l-kuntratt relatat mas-servizzi tal-ivvjaġġar skada f'Marzu 2020;

17. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, għall-akkwist ta' għamara, aċċessorji u servizzi relatati, it-termini użati mill-Aġenzija fid-dokumenti għas-sejħa għall-offerti ma kinux speċifiċi biżżejjed, u dan dgħajjef in-natura kompetittiva tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija ma vverifikatx biżżejjed il-preċiżjoni tal-prezzijiet sottostanti u l-kalkolu tal-iskontijiet applikati għall-elementi mhux standard qabel ma ssottomettiet il-formola tal-ordni lill-kuntrattur; jistieden lill-Aġenzija tiżgura konformità sħiħa mal-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-proċeduri kollha tal-offerti; jinnota li, skont it-tweġiba tal-Aġenzija, id-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti kienet tinkludi s-suġġett tal-akkwist u l-kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti applikabbli, u b'hekk ippermettiet il-kompetizzjoni, u jinnota li, fir-rigward tal-iskont mogħti mill-kuntrattur, il-kuntrattur kien offra skont ikbar mir-rata standard inkluża fil-kuntratt u b'hekk l-Aġenzija aġixxiet f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt;

18. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija implimentat b'mod korrett ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti rigward il-limitu minimu għall-kriterju tal-għoti tekniku l-aktar rilevanti għall-kwalità, u rigward il-kontrolli tal-preċiżjoni tal-prezzijiet sottostanti u tal-kalkolu tal-iskontijiet applikati għall-elementi mhux standard;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti tal-interess, u trasparenza

19. Jinnota li l-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi u fil-ġlieda kontra l-fastidju; jinnota li fl-2020 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, li kien iwassal għal investigazzjonijiet mis-servizz tal-investigazzjonijiet interni tal-Aġenzija;

20. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tippubblika s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri tal-bord ta' amministrazzjoni, id-direttur eżekuttiv u l-viċi diretturi eżekuttivi tagħha;

Kontroll intern

21. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni lesta l-awditjar tiegħu dwar is-Sigurtà tal-IT tal-Aġenzija u wettaq il-ħidma preliminari tal-awditjar tiegħu dwar il-ġestjoni tal-kuntratti fl-2020; jinnota li l-Aġenzija implimentat 86 % tar-rakkomandazzjonijiet kritiċi jew importanti ħafna ppjanati li jiġu implimentati matul l-2020;

22. Ifakkar fl-osservazzjoni tal-Qorti dwar l-estensjoni ta' kuntratt qafas għall-forniment ta' servizzi tal-ivvjaġġar fuq xogħol; josserva li din is-sejba tikkostitwixxi dgħufija fil-proċeduri ta' akkwist tal-Aġenzija li potenzjalment għandha impatt fuq is-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija jew fuq partijiet minnha; jistieden lill-Aġenzija tqis l-osservazzjonijiet tal-Qorti fil-qafas tal-valutazzjoni annwali tal-qafas ta' kontroll intern;

23. Jinnota li l-komponenti tal-qafas ta' kontroll intern tal-Aġenzija kienu preżenti u qed jiffunzjonaw b'mod integrat fl-Aġenzija kollha kemm hi u li s-sistema ta' kontroll intern naqqset b'mod effettiv, għal livell aċċettabbli, ir-riskju li ma jintlaħqux l-objettivi annwali u pluriennali tal-Aġenzija fir-rigward tal-operazzjonijiet, ir-rappurtar u l-konformità; jistieden lill-Aġenzija tqis l-osservazzjonijiet tal-Qorti fil-valutazzjoni annwali tagħha, b'mod partikolari l-osservazzjonijiet rigward il-ġestjoni tal-kuntratti u l-pagamenti tard;

Rispons għall-COVID-19 u kontinwità tal-operat

24. Jinnota li l-Aġenzija kellha reazzjoni rapida għall-pandemija tal-COVID-19 u implimentat diversi azzjonijiet ġodda sabiex tiġġestixxi l-kriżi bl-anqas impatt possibbli fuq il-ħidma tal-Aġenzija, filwaqt li żżomm is-saħħa u s-sikurezza bħala l-ewwel prijorità tagħha; jinnota, madankollu, li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt dirett fuq l-isforzi tal-Aġenzija biex timplimenta għadd ta' azzjonijiet u biex tilħaq il-miri tal-programm ta' ħidma tal-2020, speċjalment dawk relatati mal-preżenza fiżika fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija, bħal laqgħat operattivi u laqgħat oħra ta' investigaturi u analisti, u ma' proċeduri amministrattivi li mhumiex ibbażati fuq fluss tax-xogħol elettroniku; jistieden lill-Aġenzija tiddiġitalizza kemm jista' jkun il-proċeduri amministrattivi;

25. Jilqa' l-miżuri implimentati mill-Aġenzija biex iżżomm l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-proċeduri ta' akkwist u l-attivitajiet relatati, inkluż it-tqegħid ta' ordnijiet urġenti biex jiġu koperti l-ħtiġijiet eċċezzjonali li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u l-emendar ta' diversi kuntratti sabiex jiġu aġġustati r-riskji marbuta mal-pandemija tal-COVID-19;

26. Jinnota li, wara t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija qed tiżviluppa diversi miżuri sabiex tibqa' valida fil-futur, bħall-metodi ta' ħidma deċentralizzati, inkluża l-possibbiltà li jintużaw sejħiet bil-vidjo u għodod ta' kollaborazzjoni siguri, it-telexogħol (inkluż permezz ta' laptops OpsNet siguri minħabba n-natura tal-proċessi ta' informazzjoni operattivi) u flussi tax-xogħol elettroniċi modernizzati;

Kummenti oħra

27. Jilqa' l-isforzi mwettqa mill-Aġenzija biex iżżid iċ-ċibersigurtà tagħha; jinnota li t-tliet avvanzi l-aktar importanti tal-Aġenzija fl-2020 fir-rigward tal-protezzjoni diġitali b'rabta mal-kapaċitajiet ta' aċċess remot, l-iżvilupp ibbażat fuq il-cloud u l-prattiki ta' kodifikazzjoni ta' software b'sors miftuħ u ta' partijiet terzi;

28. Jinnota li, b'antiċipazzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, l-Aġenzija wettqet ħidma u tħejjijiet intensivi biex tiżgura tranżizzjoni bla xkiel, li taffettwa l-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni operattiva kontinwa mar-Renju Unit, inkluż l-iskambju ta' data personali, u l-adattament ta' għodod u sistemi operattivi differenti;

29. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli tippromwovi l-ħidma, ir-riċerka u l-attivitajiet tagħha sabiex iżżid il-viżibbiltà pubblika tagħha; jinnota li l-ħidma tal-Aġenzija dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq il-kriminalità u ċ-ċiberkriminalità ġiet ippubblikizzata b'mod wiesa' fl-2020, u laħqet il-pubbliku ġenerali permezz tal-kanali tagħha stess u ta' partijiet terzi;

30. Jilqa' l-isforzi mwettqa mill-Aġenzija biex tistabbilixxi strateġija komprensiva għas-sostenibbiltà u biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO_2, bħal prattiki mtejba ta' riċiklaġġ u l-użu ta' enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent; iħeġġeġ lill-Aġenzija tikkondividi l-isfidi u t-tagħlimiet meħuda f'dak il-kuntest għall-kwittanza tas-sena finanzjarja li jmiss u fl-ambitu tan-Network tal-Aġenziji tal-UE;

31. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2022 ([3]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0196.